

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2022 – RS vs BEI**(Kawża T-624/22)**

(2023/C 15/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: RS (rappreżentant: B. Maréchal, lawyer)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investment

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla (i) id-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (iktar 'il quddiem il-“BEI”), b'data speċifika, bis-suġġett “Nuqqas ta' bdil tal-kuntratt għal żmien determinat” li tiċħad l-argumenti sottomessi għan-nom tar-rikorrent għall-bdil tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, (ii) id-deċiżjoni tal-BEI li tinforma lir-rikorrent li l-impjieg tiegħu mal-Bank Ewropew tal-Investment kien ser jintemm f'data speċifika, u (iii) id-deċiżjoni tal-BEI, mogħtija f'data speċifika, li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal eżami amministrattiv mill-ġdid: (1°) li tikkontesta d-deċiżjoni li l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent ma jinbidilx minn wieħed għal żmien determinat għal kuntratt ta' impjieg għal żmien indeterminat mal-BEI, u (2°) li ssostni ksur relatat min-naħa tal-BEI tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (iktar 'il quddiem id-“Deċiżjonijiet ikkontestati”);
- sussidjarjament, tbiddel id-Deċiżjonijiet ikkontestati; kif ukoll
- tagħti kumpens għad-danni materjali mġarrba jew li ser jiġġarbu mir-rikorrent bħala riżultat tad-Deċiżjonijiet ikkontestati li l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent ma jinbidilx, fl-ammont ta' EUR 193 882,98, inkluż telf tas-salarju, id-differenza tal-premjums tal-assigurazzjoni għas-saħħa, u t-telf tar-rimbors tal-familja kif ukoll telf ta' pensjoni;
- tagħti kumpens għad-danni relatati mal-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent għal ħaġġa privata u għall-protezzjoni tad-data, id-dritt tiegħu għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tiegħu għal rimedju effettiv u għal smiġħ xieraq li jammonta għal EUR 20 000;
- tagħti kumpens għad-danni relatati mal-preġudizzju morali u mad-diffikultajiet serji mġarrba mir-rikorrent fl-ammont ta' EUR 20 000;
- tagħti kumpens għall-ispejjeż sostnuti bħala riżultat tal-aġir illegali, azzjonijiet u ommissjonijiet tal-BEI u mġarrba mir-rikorrenti li huma stmati provviżorjament għal EUR 20 000 (inkluża l-VAT);
- tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri li jammonta għall-ammont provviżorju ta' EUR 15 000.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinwoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-allegati raġunijiet għan-nuqqas potenzjali ta' bidla tal-kuntratt tiegħu jirriżultaw minn ksur stabbilit b'mod oġġettiv tad-dritt għal kunfidenzjalità, id-dritt għal ħaġġa privata u d-dritt għal protezzjoni tad-data tar-rikorrent.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq kunflitti ta' interess u l-parzjalità tal-proċeduri użati sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet dwar in-nuqqas ta' bdil tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent u l-ksur li jirriżulta minn dan għad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni serja u fuq in-natura sproporzjonata tad-Deċiżjonijiet ikkontestati li l-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent ma jinbidilx u ksur rilevanti tad-drittijiet relatati tar-rikorrent.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur stabbilit b'mod oġġettiv tad-dritt tar-rikorrent għal amministrazzjoni tajba, inkluż id-dritt għal smiġħ (Artikolu 41 (2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta tal-UE”)), id-dritt ta' aċċess għall-fajl tiegħu u, bħala riżultat, id-dritt li jkun informat b'mod spontanju u fil-ħin bil-progress u/jew bir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura istituzzjonali li fiha huwa kien involut (Artikolu 41(2)(b) tal-Karta tal-UE), u d-dritt li l-kwistjonijiet li jirrigwardawh ikunu ttrattati b'mod imparzjali u fi żmien xieraq (Artikolu 41(1) tal-Karta tal-UE).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2022 – Vima World vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-671/22)

(2023/C 15/57)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Vima World, SA (il-Belt tal-Panama, il-Panama) (rappreżentant: P. Braz, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1, u 4 sa 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' fatt u ta' liġi, ladarba, fil-każ inkwistjoni, il-miżura ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE peress li l-profitti ġġenerati fiż-Żona Franca da Madeira (iktar 'il quddiem iż-“ZFM”) kien suġġett għal tassazzjoni fi Spanja.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, għall-fatt li, fil-każ inkwistjoni, id-deċiżjoni ta' rkupru tal-għajjnuna inkompatibbli mogħtija tissuġġetta l-profitti miksuba fiż-ZFM għal tassazzjoni doppja.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball ta' fatt u ta' liġi tad-deċiżjoni kkontestata, ladarba r-Reġim III taż-ZFM jissodisfa r-rekwiżiti ta' ħolqien jew ta' żamma ta' postijiet tax-xogħol fir-Reġjun Awtonomu ta' Madeira previsti fid-Deċiżjonijiet C(2007) 3037 final u C(2013) 4043 final, fl-Artikoli 107 u 108 TFUE u fil-Linji Gwida tal-2007.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball ta' fatt u ta' liġi tad-deċiżjoni kkontestata, għall-fatt li, fl-istess deċiżjoni, il-kunċett ta' “attività mwettqa effettivament u materjalment f'Madeira” previst fid-Deċiżjonijiet C(2007) 3037 final u C(2013) 4043 final huwa interpretat b'mod restrittiv.
5. Il-ħames motiv, dwar il-ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' proporzjonalità.
6. Is-sitt motiv, dwar żball ta' liġi minħabba ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 296 TFUE.